



Brussell, 13 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7482/19

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)
2018/0217(COD)
2018/0218(COD)

**AGRI 143
AGRILEG 56
AGRIFIN 21
AGRISTR 22
AGRIORG 18
CODEC 676
CADREFIN 154**

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kunsill

Nru dok. Cion: 9645/18 + COR 1 + ADD 1
9634/18 + COR 1 + ADD 1
9556/18 + REV 1 (en, de, fr) + COR

Suġġett: Il-pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020

a) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jiffasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

b) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013

I. INTRODUZZJONI

1. Bħala parti minn numru ta' proposti leġislattivi settorjali relatati mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tal-UE 2021-2027, it-tliet proposti li ġejjin għal riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) ġew ippubblikati mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2018:
 - Element ċentrali, **Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**, li jħaddan il-pagamenti diretti, l-interventi settorjali u l-iżvilupp rurali;
 - Regolament dwar il-finanzjament, ġestjoni u monitoraġġ tal-PAK (minn hawn 'il quddiem: **Regolament Orizzontali**), li jaġġorna u jissostitwixxi r-Regolament attwali bl-istess isem;
 - **Regolament emendatorju** (ir-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) ta' prodotti agrikoli), li jemenda u jaġġorna r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 dwar l-OKS, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi u (UE) Nru 229/2013 dwar il-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew.
2. Wara l-ewwel qari tat-tliet Regolamenti proposti mill-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill responsabbli, u x-xogħol magħmul kemm fil-Komitat Speċjali għall-Agrikoltura (KSA) u fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd", il-Presidenza Awstrijaka bagħtet l-ewwel serje ta' suġġerimenti ta' abbozzar dwar it-tliet proposti (15046/18, 15058/18 + ADD1, 14195/18) u ppreżentat Rapport ta' Progress dwar l-istat tal-eżami tagħhom lill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 2018 (15027/18).

3. Filwaqt li tibni fuq il-ħidma magħmula mill-Presidenza Awstrijaka u wara aktar diskussjonijiet li saru fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, il-KSA u l-Kunsill "Agrikoltura u Sajd", il-Presidenza Rumena ppreżentat serje ta' suġġerimenti riveduti ta' abbozzar li għadhom suġġetti għal aktar kummenti dwar kwistjonijiet legali mis-Servizz Legali tal-Kunsill.

II. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAR-REGOLAMENT DWAR IL-PJANIJET STRATEĠIĊI TAL-PAK

4. Is-suġġerimenti riveduti tal-abbozzar dwar ir-**Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK** (dok. 7007/19) ġew ippreżentati mill-Presidenza Rumena fl-1 ta' Marzu 2019 u ġew diskussi fil-KSA fl-4 u fl-11 ta' Marzu 2019. Il-Presidenza Rumena nnotat li:
- id-delegazzjonijiet għandhom preferenza qawwija, fir-rigward tad-definizzjoni ta' bur permanenti biex iżommu d-definizzjoni stabbilita fir-Regolament "Omnibus" (l-Artikolu 4(1)(b)(iii));
 - id-delegazzjonijiet urew preferenza li jipprovdu, bħala fakultattiva, għar-rekwiżit ta' taħriġ u/jew ħiliet xierqa għall-bdiewa żgħażaġh (l-Artikolu 4(1)(e));
 - L-Istati Membri esprimew preferenza biex jiddefinixxu bdiewa ġenwini fuq bażi volontarja, inkluż il-possibbiltà li jiġi stabbilit limitu li taħtu l-bdiewa kollha jistgħu jiġu kkunsidrati bħala "ġenwini" (l-Artikolu 4(1ab));
 - id-direzzjoni mfassla mill-Istati Membri hija li l-obbligu għall-Għodda tas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti tkun koperta mis-servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli (Artikolu 13(4) (fa)); obbligu bħal dan għandu jipprevedi perijodu ta' transizzjoni;
 - l-Istati Membri esprimew ix-xewqa tagħhom li jkomplu d-dibattitu dwar it-tnaqqis tal-kunċett ta' pagamenti, wara d-diskussjonijiet fil-KSA;

- L-Istati Membri wrew preferenza li t-tnaqqs tal-ispejjeż tax-xogħol ikun volontarju għat-tnaqqs tal-pagamenti u li ġeneralment huma jilqgħu aktar flessibilità biex jispeċifikaw il-metodu għall-kalkolu tal-ammonti li għandhom jitnaqqsu (l-Artikolu 15(2));
- l-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementari li jkun volontarju huwa appoġġat minn għadd kbir ta' delegazzjonijiet (l-Artikolu 26 (1));
- L-Istati Membri huma favur li jipprevedu b'mod espliċitu l-possibbiltà li ż-żoni jiġu ddisinjati mill-ġdid f'każ ta' restrizzjonijiet naturali jew oħrajn speċifiċi għaż-żona (l-Artikolu 66(2));
- Fil-prinċipju l-Istati Membri jappoġġaw rata ta' appoġġ għal investimenti sa 75%, li jilħqu b'mod eċċezzjonali l-100% għal interventi speċifiċi, li ma' dawn, l-Istati Membri jixtiequ jżidu l-infrastruttura agrikola u forestali (l-Artikolu 68(4));
- id-delegazzjonijiet jixtiequ li tiġi pprovduta aktar ċarezza dwar ir-relazzjoni bejn il-mira u l-istadji importanti kif ukoll dwar il-frekwenza tal-istadji importanti (l-Artikoli 97(1)(a), 100(1), 115(2)(b), filwaqt li żieda fil-marġini tat-tolleranza għal nuqqas possibbli ta' indikaturi tar-riżultati minn stadji importanti u marġini ta' tolleranza digressiva matul iż-żmien huma aċċettabbli għalihom (l-Artikolu 121a).

III. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAR-REGOLAMENT ORIZZONATLI

5. Fir-rigward tar-**Regolament Orizzontali** propost, il-Presidenza Rumena pproponiet suġġerimenti ta' abbozzar li kienu diskussi fil-KSA (fil-21/1, 11/2, u fl-4&11/3/2019). Il-Presidenza nnutat li, fuq is-suġġerimenti ta' abbozzar tagħha kif jinsabu fid-dokument 6981/19 REV1;
 - l-Istati Membri jappoġġjaw b'mod ġenerali s-setgħa tal-Kummissjoni biex tadotta wkoll atti delegati dwar interventi settorjali, inkluż dwar il-frott u l-ħaxix (l-Artikolu 42(4));

- L-Istati Membri jaqblu li f'każ ta' 'emerġenza, il-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' pagamenti lil benefiċjarji (l-Artikolu 42(5)).
- Għalkemm il-fehmiet tal-Istati Membri huma maqsuma, madankollu hemm preferenza għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-limitu ta' EUR 2000 għall-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja, bħala miżura protettiva għall-bdiewa żgħar u kontinwazzjoni ta' sistema li diġà qiegħda fis-seħħ.

IV. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAR-REGOLAMENT DWAR L-OKS

6. Il-Presidenza ssuġġeriet abbozzar rivedut għar-**Regolament** propost **dwar l-OKS** fit-12 ta' Marzu 2019 fid-dokument 7451/19. B'mod partikolari l-bidliet ifittxu:
 - li jintlaħaq bilanċ fir-rigward tal-varjetajiet ta' nbid billi tinżamm il-projbizzjoni eżistenti fuq sitt varjetajiet ibridi speċifiċi u fuq l-ispeċi Vitis labrusca iżda jitħalla l-użu tal-ibridi fl-inbejjed DOP;
 - li jiġu ċċarati r-regoli dwar il-kontrolli fuq it-tikkettar tal-inbid biex jiġi żgurat approċċ proporzjonat;
 - li l-użu tat-termini "dealkoħolizzati" u "parzjalment dealkoħolizzati" jsiru obbligatorji fuq it-tikkettar ta' prodotti tal-inbid bħal dawn;
 - li jkun ipprovdut perijodu tranżitorju għar-rekwiżit il-ġdid biex jiġi indikati l-valur nutrittiv u l-lista ta' ingredjenti tal-inbid fuq it-tikketta tiegħu.

Mistoqsija għall-Kunsill:

Fil-prinċipju tapprova l-orjentazzjoni tal-Presidenza Rumena mogħtija f'kull waħda mit-tliet blokki II, III u IV, u liema elementi inklużi fiha, jekk hemm, mhumiex aċċettabbli għalik f'dan l-istadju, fl-ispirtu ta' 'kompromess'?
